Sensiela Studji Soċjali (*fil-gazzetta TAGĦNA T-TFAL*)

**Artiklu Numru 4**: **IT-TAGĦLIM TAL-ISTUDJI SOĊJALI FIR-RABA' SENA PRIMARJA**

Fl-artikli ta'qabel rajna kemm, fit-tagħlim tal-Istudju Soċjali rridu nagħtu kas il-miri ta' tagħlim u mhux sempliċiment nitgħallmu l-fatti u d-dettalji bl-amment. Inkomplu nagħtu eżempji prattiċi ta' dan kollu mir-Raba' Sena tal-Primarja.

Fis-sezzjoni AMBJENT STORIKU tar-Raba' Sena nsibu tagħlim dwar żewġ personaġġi importanti fl-istorja tagħna – dawn huma:

- **Dun Mikiel Xerri**, qassis qalbieni u patrijott li ta ħajtu biex il-Maltin setgħu jkeċċu minn Malta lill-Franċiżi li kienu qegħdin jaħkmuna;
- **Dun Karm Psaila,** il-poeta nazzjonali Malti.

**Mira ta' Tagħlim 4.1.1 u 4.1.2 (Ir-Raba' Sena Primarja)**:

- Ikollhom tagħrif dwar dawn il-personalitajiet Maltin: Dun Mikiel Xerri u Dun Karm Psaila.
- Jifhmu l-importanza ta' dawn in-nies fis-soċjeta' Maltija u l-ġid li għamlu għal pajjiżhom.

Bosta studenti 'jintilfu' jistudjaw dettalji dwar dawn iż-żewġ personalitajiet; xi dettalji li nħobbu 'nintilfu' nistudjaw:

- meta u fejn twieled Dun Karm,
- meta xkubettjaw lil Dun Mikiel Xerri,
- fejn jinsabu midfunin,
- kemm kellu żmien Dun Karm meta kiteb l-ewwel poeżija tiegħu.

Wieħed irid jifhem li fid-dinja tal-lum, faċli ssir taf dan kollu sempliċiment billi tagħfas buttuna u tfittex fuq l-Internet; l-importanti li tkun taf fejn u kif tfittex l-informazzjoni. MA JAGĦMILX SENS LI NOQOGĦDU NDEFFSU ĠO MOĦĦNA BIEX NIPPRUVAW NIFTAKRU DAWN ID-DETTALJI.

Ħarsa lejn il-kapxin turina kif hemm affarijiet ħafna iktar importanti li għandna nkunu nafu u niddiskutu meta nkunu qegħdin nitgħallmu dwar dawn il-personalitajiet.



*Il-monument lil Dun Mikiel Xerri u sħabu fil-Belt*



*Il-monument lil Dun Karm fi Triq Sant'Anna Il-Furjana*

*Tony Pace*
Uffiċjal Edukattiv tal-Primarja
(għal iktar tagħrif dwar l-Istudji Soċjali idħol fil-blog: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt